**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta tal-Hamis 18 ta' Novembru 2021</u>**

**<u>Rikors nru: 115/2021 AGV ;</u>**

**HA**

**Vs**

**Dr. Yanika Bugeja u PL Hilda Ellul Mercer mahturin kuraturi deputati b' digriet tal-10 ta' Novembru 2020 biex jirraprezentaw lil assenti KD li l-indirizz taghha mhux maghruf.**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' HA** datat 15 ta' April 2021, fejn espona bir-rispett;

1. Illi l-esponenti zzewweg civilment lil KD fil-15 ta' Novembru 2014 fir-registru taz-zwigijiet gewwa Valletta ( ara certifkat hawn anness u mmarkat bhala Dok HA. 1 ).
2. Illi minn daz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.
3. Illi l-esponent ilu snin ma jara lil assenti u ma jafx fejn qed tghix.

4. Illi huma sodisfatti l-elementi kollha mehtiega taht l-artikolu 66 B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
5. Illi in adempiment ta’ dak stipulat fl-artikolu 66 G (1), mar-rikors odjern qed tigi annessa nota mmarkata bhala Dok. HA 2.
6. Illi infethet medjazzjoni u giet kkonfermata l-istess ittra ta’ medazzjoni mill-esponent u konsegwentament inhatru kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-assenti fil-proceduri inkluz l-proceduri odjerni ta’ divorzju.
7. Bejn il-partijiet ma hemmx propjeta’ immobbli lanqas kontijiet bankjajri komuni ;
8. Illi ghalhekk tressaq ir-rikors;
9. Illi l-esponent jaf b’ dal-fatti personalment.

Ghaldaqstant , u in vista tas-suespost l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex l-intimata tghid ghaliex dil-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex prevja kwalsis dikjarazzjoni u / jew provvidment opportun a tenur tal-artikolu 66 A et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

1. Tallega l-atti tal-medazzjoni nru ; 693/2020 GG.
2. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.
3. Tiddikjara lil kull wiehed mill-partijiet responabbli ghad-djun illi jkun ghal matul iz-zwieg;
4. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti hekk xolta b’ dan li kull parti ghandha zzomm dawk l-assi divizzibbli li jappartjenu lilha;
5. Tippronunzja l-hall taz-zwieg civili li gie registrat fil- 15 ta’ Novembru 2014 bejn ir-rikorrent u KD ;
6. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghaldaqshekk min din l-Onorabbli Qorti, javza lid-direttur tar-registru pubbliku.

**Il-Qorti rat ir-risposta tal-kuraturi deputati ta' Dr Yanika Bugeja u PL Hilda Ellul Mercer datata 18 ta' Gunju 2021 fejn l-esponenti ma humiex edotti mill-fatti u dan stante li huma f' dal-stadju ma jistghux jaghmlu kuntratt mal-persuna li huma qed jirraprezentaw.**

Illi esponenti qed jitolbu minghand ir-rikorrent kull tip ta' mezz ta' komunikazzjoni li ghandu r-rikorrent tal-assi, inkluz l-ahhar numru tat-telephone jew mobile phone, kif ukoll indirizz eletrroniku.

Illi l-esponenti jirrizerva li jirraprezentaw eccezzjonijiet ultejuri.

Rat li l-procedura ta' smigh tmexxiet bil-lingwa Ingliza, izda l-atti gew prezentati bil-Malti, ghalhekk il-Qorti kellha taghti din is-sentenza bil-Malti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-Qorti ghandha biss il-verzjoni ta' fatti kif esposti mill-attur, peress illi l-konvenuta baqghet ma nstabetx. Tenut kont ta' dan, il-Qorti tqis li din il-verzjoni giet ippruvata, ladarba ma gietx kontradetta, u ghalhekk il-Qortisejra timxi fuq il-fatti kif esposti mill-attur.

Illi l-attur xehed f'din il-kawza u kkonferma d-dettalji moghtija fir-rikors tieghu. Il-partijiet kienu zzewgu hawn Malta fl-2014, izda l-konvenuta ma setghetx tibqa' tghix Malta u tahdem hawn. Kienet tmur l-Ingilterra u tigi lura, izda darba minnhom telqet u ma gietx lura. Hi qatghet kull kuntatt mal-attur. Ikkonferma

wkoll li ma kellhomx tfal, u ma kellhom ebda proprjeta' in komuni. Ghalhekk il-Qorti ser tilqa' t-talbiet tieghu u tghaddi ghas-sentenza.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talbiet attrici.

1. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.
2. Tiddikjara lil kull wiehed mill-partijiet responabbli ghad-djun illi jkun ghal matul iz-zwieg;
3. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti hekk xolta b' dan li kull parti ghandha zzomm dawk l-assi divizzibbli li jappartjenu lilha;
4. Tippronunzja l-hall taz-zwieg civili li gie registrat fil- 15 ta' Novembru 2014 bejn ir-rikorrent u KD;
5. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien ghaxart ijiem (10), javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju.

Spejjez provizorjament a kariku tal-attur, li jsiru rikuperabbli mill-konvenuta, meta din tigi rintraccata.

Imhallef | Cettina Gauci

Onor Anthony Vella | Dep Reg